MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Avviz Numru. 165/2006

**Direttur ta' l-Ufficju Kongunt**

**vs**

**Anthony Deguara**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Anthony Deguara fid-9 ta' Gunju, 2006 fejn wara li ppremetta illi r-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija li permezz taghha d-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt qed jallega li r-rikorrenti ghandu debitu cert, likwidu u dovut ta' elf, tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1,344.70);

Illi t-talba tad-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt fil-konfront tar-rikorrent Anthony Deguara hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li kwalunkwe debitu dovut lill-Ufficcju

Kongunt qed jigi mhallas f'pagamenti rateali da parti tar-rikorrent kif miftiehem bejn l-istess partijiet;

Illi ghalhekk jirrizulta li d-debitu vantat li huwa cert u lanqas huwa likwidu jew dovut f'dan l-istadju;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tad-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt fil-konfront tieghu bhala wahda infondata u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tad-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt fejn wiegeb:

Illi huwa gie notifikat nhar is-27 ta' Gunju 2006, b'rikorsipprezentat nhar id-9 ta' Gunju 2006, flimkien ma' digriet datat 12 ta' Gunju 2006, fejn ir-rikorrenti qieghed jikkontesta l-ammont mitlub mill-esponenti.

Illi l-esponenti nghata l-fakolta illi jipprezenta r-risposta odjerna, fi zmien erbat ijiem minn notifika tar-rikors, permezz ta' digriet datat 12 ta' Gunju 2006.

Illi l-ammont kif pretiz mill-esponenti, ai termini l-ittra gudizzjarja tal-31 ta' Mejju, 2006, huwa kollu dovut kif ser jirrizulta waqt il-provi, ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda.
Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u ghalhekk tikkundannah ihallas l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2007 li fiha l-partijiet iddikjaraw li l-meritu gie ezawrit wara hlas fil-mori tal-kawza izda ma sarx ftehim fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Rat illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur huwa l-utilista tal-plot numru 347 N art tal-Qortin il-Mellieha u jhallas cens lill-Ufficcju Kongunt. Permezz ta' ftehim tas-16 ta' Novembru 2005 Anthony Deguara ntrabat sabiex ihallas l-arretrati tac-cens kif imsemmi fl-istess ftehim fejn hemm ukoll stipulat li jekk Deguara jonqos mill-hlas, id-dipartiment ma jkollux triq ohra hlief li jirrikorri ghal proceduri legali kontra Deguara. Jidher pero' illi anke fl-ahjar ipotesi Deguara kien qed ikun moruz fil-hlas tac-cens.  Tant hu hekk illi l-pagament li kellu jsir f'Dicembru 2005 sar f'Jannar. Il-pagament li kellu jsir f'Jannar sar fi Frar. Il-pagament li kellu jsir fi Frar sar fit-22 ta' Gunju 2006 u cioe' wara li saret l-ittra ufficjali mid-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt datata 31 ta' Mejju 2006. Ghalhekk minkejja l-ftehim imsemmi Deguara kien moruz fil-hlas tac-cens u beda jerga' jhallas hekk kif ircieva l-ittra ufficjali. Wara l-pagament ta'  Frar 2006 pagament iehor dahal f'Gunju 2006. Dan huwa zmien bizzejjed sabiex jintitola lill-Ufficju Kongunt sabiex jirrikorri ghal proceduri legali kontra Deguara kif imsemmi fil-ftehim. Ghalhekk bir-ragun l-Ufficju Kongunt hass illi stante dan it-tul ta' zmien ma kellux joqghod ghat-termini tal-ftehim, la darba kien l-istess Deguara illi ma osservax il-pagamenti rateali kif kien miftiehem bejniethom. Ghalhekk bdew dawn il-proceduri u issa Deguara ma jistax jiehu vantagg minn nuqqas tieghu sabiex ma jhallasx l-ispejjez kif kien obbligat li jaghmel skond l-istess ftehim.

Ghal dawn ir-ragunijiet filwaqt li l-Qorti tastjeni milli tiehu konsiderazzjoni tal-meritu, stante l-hlas fil-mori tal-kawza, tikkundanna lil Anthony Deguara sabiex ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------